**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t'Ottubru, 2016

**Appell Nru: 294/2014**

**Il-Pulizja**

**Spettur Trevor Micallef**

**Vs**

**Kieran Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Kieran Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 384890M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f' dawn il- gzejjer fil- lejl bejn l- 20 ta' Dicembru 2013 u l- 21 ta' Dicembru 2013:

1) Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza

pubblika, kontra persuni nkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita' kompetenti;

3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal- awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 488 Emanuel Cilia sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

5) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

6) Kif ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f' lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku kien fi stat ta' sakra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fis-26 ta' Gunju, 2014, li biha wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(ee), 339(d), 338(dd), 338(ff), 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat hati tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet, u ghalhekk illiberatu minnhom izda sabithu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni, u kkundannatu piena ta' erba' (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mill-hames u mis-sitt imputazzjonijiet, tirriformaha f'dik il-parti fejn sabithu hati tal-ewwel erba' akkuzi u konsegwentement tilliberah minnhom, u fin-nuqqas, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat hati tal-hames u s-sitt akkuzi, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn sabithu hati tal-ewwel erba' akkuzi, tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal terminu ta' erba xhur prigunerija sospizi ghal sena, u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi;

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi minn ezami tal-atti jemergi illi fil-lejl bejn l-20 u l-21 ta' Dicembru, 2013 l-appellant kien qieghed Paceville flimkien ma' zewgt ihbieb tieghu meta ghall-habta tal-4.30 am waqt li kien miexi baqa' diehel f'ufficcjal tal-Pulizija li dak il-hin kien akkumpanjat minn ufficjali ohra. Wara skambju verbali ta' ftit sekondi l-appellant kien eskortat lejn vann tal-Pulizija u matul it-triq jidher li kien hemm xi kuntatt fiziku, anke jekk ta' natura leggiera, bejn l-ufficcjal u l-appellant. Waqt illi kien qieghed fl-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, l-appellant instema' jghid xi diskors li l-pulizija deherilhom li kien ingurjuz fil-konfront taghhom;

2. Dwar dan l-incident, izda, hemm zewg verzjonijiet kontrastanti u l-ewwel Qorti ghazlet illi temmen dik vantata mill-pulizija. Il-verzjoni moghtija mill-Pulizija hi li fid-data tal-incident, ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu, PC 488 Emanuel Cilia, PC 586 Mario Azzopardi u WPC 201 Ramona Meli kienu waqt patrol bir-rigel fl-inhawi ta' Paceville meta persuna, allura l-appellant, gej mid-direzzjoni opposta, baqa' diehel bis-sahha fuq PC 488. Anke jekk dak il-fatt ma kienx intenzjonat, kif fil-fatt aktarx li ma kienx, l-appellant beda jinsisti li kien l-ufficcjal li dahal fuqu u minn hemm 'l quddiem l-kwistjoni eskalat sal-punt li l-appellant kellu jittiehed l-ghassa;

3. PC 488 Emanuel Cilia xehed illi wara li l-appellant habat mieghu bil-goff u esklama *"bil-mod hija, weggajtni"*, l-appellant beda jinsisti li kien l-

ufficcjal li dahal fuqu u ma' dan id-diskors l-appellant ghafas flixkun tal-ilma li kellu fuqu minghajr tapp u hasel lill-ufficcjal li dak il-kien kien liebes il-gakketta tax-xita. Appena prova jehodlu l-flixkun minn idejh, l-appellant hareg idejh u ta bhal daqqa ta' harta lill-ufficcjal, laqatlu mniehru u tajjarrlu l-beritta. L-appellant kellu riha qawwija ta' alkohol. Id-daqqa li qala l-ufficcjal kienet minghajr konsegwenzi u ma kellux ghalfejn jiddewwa;

4. PC586 Mario Azzopardi xehed illi ra lill-appellant diehel f'PC 488, rahom jargumentaw u mar waqqaf dak li jsejhilha bhala glieda wara li l-appellant ghafas flixkun tal-ilma li kellu f'idejh, xarrab lill PC 488 u xejjirlu daqqa u tajjarlu l-beritta, u ressaq lill-appellant fil-genb. WPC 201 Ramona Meli, li kienet flimkien maz-zewg ufficcjali fuq l-istess ronda, xehedet illi f'dak il-hin rat tlett zghazagh miexjin fid-direzzjoni taghhom bl-appellant bejniethom jidhaq u jhares lejn shabu u baqa' diehel f'PC 488 b'mod vjolenti. Waqt l-argument li segwa, rat lill-appellant bi flixkun ilma f'idejh ixarrab lill-kollega taghha u dan kien mizmum. Waqt li wiehed mil-hbieb tal-appellant kien qed jipprova jkellimha, rat l-istess appellant jgholli idu u rat il-beritta ta' PC 488 ittir u gabrithielu mill-art;

5. PC 401 Stephen Ghirxi xehed illi waqt li kien patrol bil-mixi gewwa Paceville ghadda l-appellant jixxengel u meta qabzu, dar u rah diehel fuq PC 488. L-ispettur Trevor Micallef xehed illi waqt li l-appellant kien fic-cella tal-ghassa ta' San Giljan semghu jghajjat mis-sular ta' fuq biex ikellem lill-Pulizija, beda jghajjarhom kummidjanti u jkellem lis-surgenta b'mod arroganti li minkejja li ttentat kemm il-darba biex tikkalmah xorta baqa' jghajjat u jsabbat mal-bieb. Fid-9 ta' filghodu l-Ispettur Micallef mar ikellmu u hadlu stqarrija wara d-debiti proceduri;

6. L-appellant offra verzjoni differenti tal-akkadut meta xehed quddiem l-ewwel Qorti u ddikjara li kien sejjer lura d-dar minn Paceville flimkien ma zewgt ishabu ohra, Claudio Pace u Clyde Fenech. Huwa dahal jixtri flixkun ilma u tal-hanut ordnalu inehhi t-tapp peress illi kien hiereg bil-flixkun.

Appena hareg u beda jfittex lil shabu, hares lura u habat f'Pulizija spalla ma' spalla bil-mod hafna u laqtu bl-ilma. L-Pulizija staqsieh ghaliex kien xarbu bl-ilma u minghajr ma tah cans jitkellem qallu li kellu bzonn jiehdu l-ghassa u l-appellant ikkopera mieghu billi mexa maz-zewg pulizija l-ohra li kienu qed jeskortawh lejn il-vann. Fi triqtu lejn l-vann, l-appellant jghid li l-Pulizija beda "jikkumiedja" billi jaqbadlu widnejh minn wara bhal biex jghidlu kemm kien imqareb izda ma kienx qed iweggghu. Meta dar biex jara x'kien qed jigri, l-Pulizija, allura PC 488 haseb li kien ser ihebb ghalih u l-pulizija l-ohra ghamlu aktar forza. Meta tnizzel l-ghassa u nqafel fic-cella ghamel erba' sighat jitlob biex jittiehed it-toilet . L-appellant jghid li waqt li kien miexi ma kienx qed jimmira biex jidhol fl-ufficcjal u dahal fih bi zball waqt li kien miexi b'lura jhares fejn kienu qieghdin shabu. Jichad li qatt tajjar il-beritta tal-ufficcjal u li beda jghajjat waqt li kien l-ghassa;

7. Claudio Pace xehed illi f'dak il-mument l-appellant kien miexi b' lura b'rasu lejhom waqt li qed ikellimhom, habat ma' pulizija u qamet konfuzzjoni izda ma ra ebda beritta ttir u l-appellant spicca migbud mill-pulizija sakemm haduh fil-vann. Kyle Azzopardi xehed illi l-appellant kien miexi quddiemhom izda hin minnhom dar biex jara fejn kienu u hemm sar l-impatt mal-pulizija spalla ma' spalla u spicca arrestat minnufih. Hu u Claudio Pace baqghu mexjin wara l-appellant sakemm iddahhal fil-vann u ma raw l-ebda mossa minn hadd;

8. L-aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ghazlet l-verzjoni tal-fatti kif rakkontati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni bhala aktar kredibbli minn dawk kif esposti mid-difiza meta ix-xhieda tal-prosekuzzjoni mhix konsistenti u ftit tista' titqies kredibbli. Tajjeb qabel xejn li jkun imfakkar il-monitu wisq drabi maghmul mill-Qrati taghna, illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi

ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Daqstant iehor importanti huwa l-principju li *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrajn).

9. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jinzamm fil-mira l-fatt illi filwaqt illi donnu jidher li l-imputazzjonijiet li dwarhom instab hati l-appellant mhumhiex dwar li hu baqa' diehel fil-pulizija b'mod goff jew le u li xerred xi ilma fuq il-gakketta tax-xita tieghu, dan kien il-fattur principali mnizzel fir-rapport tal-Pulizija. Fil-kors tal-process, izda jidher li dak l-impatt u t-tixrid tal-ilma kien biss aspett antecedenti ghal dak li sehh immedjatament wara tant illi l-ewwel Qorti fis-sentenza ddeskriviet l-incident bhala wiehed kwazi banali w infantili u "li kieku l-imputat skuza ruhu mal-Pulizija ghall-incident tal-flixkun, kieku probabilment l-istorja kienet tieqaf hemm".

10. Elenkati dawn il-fatti, l-ewwel Qorti ghazlet illi temmen lill-ufficjali tal-Pulizija u mhux lill-appellant. L-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali jaghti din il-fakolta' lil-Qorti izda l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti strahet fuq il-fatt li hu stess stqarr li l-pulizija kienu qed jikkummidjaw. Issa meta l-Qorti tasal biex tghazel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu mis-sewwa jew le. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti certament hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-appellant ma kienx fil-kontroll komplet tal-komportament tieghu minhabba li kien taht l-influwenza tax-xorb. Jemergi mill-provi illi ftit qabel dan l-incident, l-appellant kien involut fi kwistjoni ohra. PS 1314 Raymond Ambrogio xehed illi meta l-appellant kien magenb il-vann tal-Pulizija kien gharfu minn

incident li kien sehh ftit qabel fejn kellu argument ma' xi hadd gewwa stabbiliment iehor f'Paceville fejn inhareg mill-bouncers. L-appellant ikkopera u l-ufficcjal ddecieda li jhallih imur minghajr konsegwenzi u dderiga lil shabu sabiex jehduh id-dar ghaliex kien fi stat ta' sakra u ma kienx qieghed tajjeb. Meta allura gara l-incident mertu tal-appell odjern, l-appellant naturalment kien fl-istess stat li hallieh is-Surgent;

11. Issa ghalkemm, l-ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni tal-prosekuzzjoni, f'din l-istampa hemm inkonsistenza li ma jidhirx li kienet esplorata mill-ewwel Qorti. Mill-Current Incident Report esebit a fol 4 fl-atti processwali jemergi illi PC 488 kien rraporta li waqt ronda f'Paceville "ragel hebb ghalih billi fajjarlu daqqa b'idu f'inmiehru u tajjarlu l-beritta tal-Pulizija. Huwa zied jghid li waqt li prova jistaqsi l-ghala dan ir-ragel hebb ghalih, dan kompla jhebb ghalih billi tefa' l-ilma minn flixkun zghir li kellu f'idu u xarrab ftit il-gakketta tax-xita tal-Pulizija". Quddiem l-ewwel Qorti, PC 488 spjega illi l-appellant habat mieghu bis-sahha u qallu "bil-mod hija, weggajtni". Dan wahdu juri li hadd ma hebb ghall-PC488 u li dak l-inkontru kien wiehed purament incidentali. Kien meta prova jehodlu l-flixkun min idu li l-ufficjal jghid li qala' daqqa ta' harta u tajjarlu l-beritta izda ezaminat ix-xenarju fil-kumpless tieghu huwa probabbli ukoll illi f'dak l-istat ta' nuqqas ta' kontroll totali tieghu nnifsu l-appellant rrezista li jittehidlu l-flixkun, li wara kollox, ghaliex hadd ma qal xejn, seta kien wiehed tal-plastik la darba hareg l-ilma meta ghafsu, u hekk kif kien ser ikun manettjat gholla idu, kif tghid WPC 201 u taret il-beritta tal-ufficcjal;

12. Din il-Qorti, bhal-ewwel Qorti, ukoll tissollecita rispett lejn il-forzi tal-ordni specjalment meta jkunu qed jghamlu xoghol delikat u perikoluz fir-rondi taghhom ghaz-zamma tal-bon ordni fil-postijiet ta' divertiment fejn wiehed jistenna li jiltaqa' ma diversi sitwazzjonijiet prekarji. Jista' kulltant jigri ukoll li t-tensjoni, l-hin tal-gurnata ossia l-hinijiet bikrin ta' filghodu maghduda mal-kundizzjoni ta' xi whud wara konsum ta' xorb alkaholiku

jirrendu percezzjoni differenti minn sitwazzjonjiet ohra fejn l-intenzjoni, sfortunatament, tkun wahda diretta u voluta sabiex tikkawza dik l-ingurja u / jew attakk msemmija fl-artikolu 95 u 96 tal-Kodici Kriminali. Issa meta hemm konflitt fil-provi u l-Qorti tghazel, kif hi gustament fid-dritt li taghmel, verzjoni minn ohra, dik il-verzjoni li tghazel li temmen jehtieg imbaghad tkun ezaminata bir-reqqa sabiex tara jekk dawk il-fatti ghandhomx iwasslu ghall-konvinciment ta' htija;

13. Id-daqqa ta' harta li PC 488 jghid li qala, li aktar tard kienet deskritta bhala daqqa f'imniehru, wara li kienet mnizzla bhala agressjoni diretta fir-rapport bil-miktub u li tat lok ghall-azzjoni kollha, aktar tard kienet deskritta bhala haga aktarx accidentali, wara li l-appellant, minghajr ebda hsieb, baqa' diehel fil-pulizija waqt li kien miexi u jhares b' lura. Kien wara li l-appellant kien mwaqqaf, mitkellem u mizmum mill-Pulizija li jidher li sehh dan il-kuntatt mal-ufficcjal minn id l-appellant. Dan l-impatt ma halla ebda marka fuq imnieher l-ufficcjal u certament li daqqa ta' harta meta intiza li tivvessa persuna ghandha thalli xi konsegwenza almenu wahda vizibbli. L-appellant jilmenta ukoll illi waqt li kien skortat lejn il-vann tal-Pulizija, PC 488 beda jigbidlu widnejh minn wara bhal donnu ried jirredikolah fil-pubbliku u meta dar biex jara ghaliex kien qed jghamillu hekk, l-ufficcjali l-ohra interpretawha bhala xi att ta' aggressjoni minn naha tiehu. WPC 201 ukoll xehedet illi wiehed mill-hbieb tal-appellant talabha biex ikellimha meta indirizzaha bil-mod segwenti: "Sir, tini cans halli nkellmek". Element fil-provi dan li juri li anke shab l-appellant kienu edukati u ragjonevoli billi ma ndahhlux fix-xoghol tal-Pulizija tant li talab permess biex jitkellem u forsi jispjega x'kien gara. Dawn il-fatturi ma jidhirx li ttiehdu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha biex temmen verzjoni minn ohra;

14. Cirkostanzi bhal dawk in dizamina certament mhumhiex facli la ghal Pulizija biex tassigura z-zamma tal-bon ordni minghajr eskalazzjoni, ghall-min ikun soggett ghat-trazzin mill-Pulizija u wisq anqas ghal-Qorti li trid

tiddeciedi wara li tgharbel il-fatti u c-cirkostanzi kollha. Dan il-kaz izda ma jidhirx li kellu jwassal ghall-imputazzjonijiet odjerni. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni li l-appellant naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-awtoritajiet, dan il-fatt ma jirrizultax mill-provi mressqa;

15. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-hames u mis-sitt imputazzjonijiet, tirrevokaha f'dik il-parti li biha l-appellant kien misjub hati tal-ewwel, t-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni u minflok tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravju alternattiv dwar il-piena.